MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 153/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zahra talli fix-xhur ta' Awissu, Settembru u Ottubru ta' 2003 u f'dawn il-Gzejjer meta hekk ordnat minn xi Qorti jew hekk marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Margaret Zahra s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u ghal binha minuri Mark Anthony fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt kellu jhallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Marzu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imsemmi Joseph Zahra hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal sebat (7) ijiem detenzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Joseph Zahra pprezentat fit-18 ta’ Marzu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tehilsu minn kull htija u piena u fin-nuqqas tissostitwixxi l-piena tad-detenzjoni b’kull mizura ohra li tkun taghmel aktar ghall-kaz;

**4.** Rat ir-rikors l-iehor ta’ appell ta’ Joseph Zahra pprezentat fit-23 ta’ Marzu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minnha u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta;

**5.** Rat illi fis-seduta tas-26 ta’ Settembru 2011 ir-rikors tat-18 ta’ Marzu 2011 gie rtirat;

**6.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**7.** L-aggravju ta’ l-appellant kif rizultanti mir-rikors ta’ appell tieghu tat-23 ta’ Marzu 2011 huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti peress illi fil-perijodu in kwistjoni huwa kien il-habs u b’hekk kien impossibbli li jhallas l-ammont u lanqas jaghmel ir-rikorsi necessarji f’qasir zmien.

**8.** Fix-xiehda tieghu quddiem din il-Qorti l-appellant stqarr fl-ewwel lok illi huwa kien hallas is-somma ta’ Lm200 ghall-perijodu in kwistjoni. Effettivament mis-sentenza appellata jirrizulta illi l-ewwel Qorti kkonkludiet illi l-appellant (allura imputat) ma hallasx il-manteniment kif ordnat mill-Qorti kompetenti hlief ghall-ammont ta’ Lm200 ghax-xahar ta’ Settembru. Dak li l-appellant jidher li ma rrejalizzax huwa illi l-ammont dovut ghall-perijodu in kwistjoni huwa aktar minn hekk. Difatti skond id-digriet

numru 585/2003 moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili (ara fol. 27 – 29) l-appellant kien ordnat ihallas lil martu s-somma ta' Lm30 fil-gimgha ghaliha u s-somma ta' Lm20 fil-gimgha ghall-minuri Mark Anthony Zahra. Jigifieri anke jekk stess l-appellant hallas is-somma ta' Lm200, huwa ma giex b'hekk li ssodisfa l-ammont kollu dovut ghax-xhur in kwistjoni.

**9.** L-appellant jghid ukoll illi huwa ma setax ihallas ghax kien il-habs. Huwa pprezenta bhala Dok. JZ1 certifikat rilaxxat mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin (a fol. 81) mnejn jidher illi huwa kien jinsab f'dik il-Facilita` bejn il-5 ta' Awissu 2003 u t-28 ta' Settembru 2003. Dan ifisser illi ghall-parti mix-xhur ta' Awissu u Settembru 2003 kif ukoll ghax-xahar ta' Ottubru 2003 ma kienx il-habs. Inoltre, kif jirrizulta, almenu *prima facie*, mill-fedina penali aggornata tieghu, huwa ma baqax il-habs kontinwament sallum. Jghid ukoll illi ma jistax jahdem ghax ghandu l-licenzji tax-xarabank mizmumin. Huwa kien esebixxa dokumenti li juru li x-xarabank tieghu ma kienx qed jahdem skond ir-roster u li huwa kellu dejn mal-Public Transport Association. Dawn id-dokumenti izda jirreferu ghas-snin 2008 u 2009. Ghalhekk certament l-appellant kellu zmien, kieku ried, biex ihallas jew biex jiehu dawk il-proceduri necessarji quddiem il-Qorti kompetenti sabiex jitlob varjazzjoni tad-digriet tal-manteniment.

**10.** Dwar il-fattur tax-xoghol il-gurisprudenza in materja hija llum wahda ormai stabbilita u maghrufa. Hekk fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Anthony Saliba** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Lulju 1998, gie ritenut li jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat meta din tisfa dizokkupata, ir-rimedju hu li dik il-persuna tadixxi **"tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment"**. Hu biss wara li dik il--persuna tottjeni tali modifika li tkun tista' thallas inqas, jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' 1-obbligu tal-hlas skond l-ewwel digriet. Ma jirrizultax illi l-appellant qatt inizja proceduri ghal tali modifika, nonostante t-trapass ta'

aktar minn tmien snin. Fic-cirkostanzi ghalhekk l-appell ma jimmeritax akkoljiment.

**11.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------